# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 13 – IT-TLIETA 5 TA' NOVEMBRU 2013
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fil-4:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier (Skużat) |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier (Skużat) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Is-SE fakkret li din il-laqgħa kienet ġiet posposta mill-ġurnata ta' qabel minħabba li tliet Kunsilliera kienu infurmaw li ma setgħux jattendu u għaldaqstant ma kienx se jintlaħaq il-quorum.

Is-SE ġibdet l-attenzjoni wkoll li l-Kunsilliera Mifsud u Fenech kienu infurmawha li ma setgħux jattendu għal-laqgħa.

### 1. ĦATRA TA' AMBAXXATUR LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet żewġ nominazzjonijiet għall-ħatra tal-ambaxxatur: waħda kienet mingħand is-Sinjorina Clara Gatt li bagħtet *email* bil-*Curriculum Vitae* mehmuż f'isimha kif ukoll oħra f'isem is-Sur Matthew Seychell li kien ġie propost mis-Sindku u l-Viċi Sindku.

1.2 Wara diskussjoni fejn ġew evalwati ż-żewġ żgħażagħ nominati, kien hemm qbil li ż-żewġ kandidati kienu validissimi iżda minħabba li kellha tintagħżel biss persuna waħda, kien hemm qbil unanimu li jintagħżel is-Sur Seychell minħabba li dan kellu żewġ nominazzjonijiet bl-addizzjoni li l-persuni li nnominawh kienu preżenti waqt il-laqgħa.

### 2. MILITARY MTARFA 2014

2.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet korrispondenza f'forma ta' Memo 25/2013 mid-Dipartiment dwar l-iskema għall-attivitajiet għas-sena 2014. Hija infurmat li s-sottokumitat tal-attivitajiet soċjali kien iltaqa' u kien qed jiġi propost li s-sena d-dieħla l-attività ssir nhar is-Sibt 18 ta' Ottubru mill-5pm 'il quddiem sabiex l-attività tingħata xejra differenti mis-snin li għaddew.

2.2 Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

## 3. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

3.1 Is-SE preżentat lista tal-attivitajiet li kienu ġew proposti mis-sottokumitat tal-attivitajiet soċjali, kopja tagħha tinsab mehmuża. Hija infurmat li din il-lista kienet intbagħatet ukoll permezz tal-email lil kull Kunsillier xi ġranet qabel.

3.2 Il-Kunsill qabel mal-proposti kollha.

Il-laqgħa spiċċat fil-5:15pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |

## Proposta għall-attivitajiet għall-Milied 2014:

1) Ikla ghall-Kommunita' nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru.

2) Harga ghal kulhadd - Wirja tal-Presepji - Il-Hamis 19 ta' Dicembru fil-5pm.

3) Festin ghat-tfal ta' bejn it-3 u s-7 snin - is-Sibt 21 ta' Dicembru bejn l-10am u s-1pm.

4) Festin ghat-tfal ta' bejn it-8 u t-12-il sena - is-Sibt 21 ta' Dicembru bejn is-2pm u l-5pm.

Dawn jinzammu fl-Iskola Primarja.

5) Harga ghall-Popeye Village nhar is-27 ta' Dicembru ghat-tfal (flimkien mal-genituri).

6) Festin ghall-anzjani flimkien mal-Imtarfa Home - ghad m'ghandniex data.

7) Mtarfa Christmas Market nhar it-13 ta' Dicembru flimkien mal-Imtarfa FC.

8) Ftuh tal-Gnien - ghad m'ghandniex data.